

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2501**tal-14 ta' Diċembru 2022****li jistabbilixxi għeluq tas-sajd għall-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja u li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24 metru**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 ⁽²⁾ jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2022.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, l-isforz tas-sajd massimu permissibbli relatat mal-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) u applikabbli għal bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24 metru, jitqies li ntlaħaq għall-2022.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak il-grupp ta' stokkijiet.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-isforz**

L-isforz tas-sajd massimu permissibbli allokat lill-Italja għall-grupp ta' stokkijiet tal-gamblu aħmar kbir fis-subżoni ġeografiċi 8, 9, 10 u 11 tal-GFCM għall-2022 imsemmi fl-Anness għandu jitqies li ntlaħaq mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-grupp ta' stokkijiet imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Italja jew li huma rreġistrati fiha u li għandhom tul totali ta' 18-il metru jew aktar u inqas minn 24-il metru, għandhom jiġu pprojbiti mid-data stipulata fl-Anness. B'mod partikolari, għandu jiġi pprojbit li jinżamm abbord il-ħut ta' dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi rilokat, trażbordat jew li jinħatt l-art.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhrol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/110 tas-27 ta' Jannar 2022 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut u għal ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut applikabbli fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed għall-2022 (ĠU L 21, 31.1.2022, p. 165).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

Nru	13/TQ110
Stat Membru	L-Italja
Kodiċi tal-grupp ta' sforz tas-sajd	EFF2/MED2_TR3
Grupp ta' stokkijiet	Gamblu aħmar kbir fil-GSAs 8, 9, 10 u 11
Tul totali tal-bastimenti kkonċernati	≥ 18 m u < 24 m
Data tal-għeluq	1.10.2022